KUNSILL LOKALI SANTA VENRA

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2015

### Werrej

*Introduzzjoni*

*Il-Kunsill*

*Il-Hidma tal-Kunsill*

*Konklużjoni*

# 1 Introduzzjoni

Ilni Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Santa Venera minn Frar, 2014 fejn minn hemm bl-għajnuna tas-Sindku, tal-Viċi Sindku, tal-Membri tal-Kunsill, tal-Ħaddiema tal-Kunsill u tal-Membri tal-Kumitati u Sotto Kumitati bdejt bil-ħidma tiegħi b'risq il-komunita' Vendriża.

Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill ta' Santa Venera kellu, matul dawn l-aħħar sentejn, għamel dak kollu li seta' sabiex jara illi Santa Venera tingħata l-ġieħ li jixraqilha, u kemm il-darba matul 2016 il-Kunsill jimxi fuq l-istess passi żgur li l-lokalita' u r-residenti qed ikunu qed jagħmlu pass ieħor lejn l-idejal.

L-2015 kienet sena illi matulha minbarra li ttieħdu diversi inizjattivi utli ġie ppjanat xogħol u saru diversi diskussjonijiet illi l-frott tagħhom ser jibda jidher matul s-snin li ġejjin.

L-akbar sfida li għandu l-Kunsill fis-snin li ġejjin hija bla dubju ta' xejn li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda. Preżentament waħda mill-akbar żvantaġġi li l-Kunsill jaffaċċja ta' kuljum fl-operat tiegħu huwa l-uffiċċju amministrattiv għaliex ma huwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' fiżika jew anzjani, filwaqt li ċ-ċokon tal-uffiċċini preżenti jfixklu xi ftit l-operat.

Bħal ma sar fl-2014 Il-Kunsill ta' Santa Venera huwa determinat li fis-snin li ġejjin jkompli jaħdem sabiex mhux biss jilħaq l-aspettattivi tar-residenti Vendriżi iżda jiżboq l-aspettativi tal-istess komunita'.

**Michael Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

# 2 Il-Kunsill

## 2.1 Il-Kunsill

Santa Venera skond l-aħħar reġistru elettorali maħruġ f'Ottubru, 2015 huwa raħal b'5,727 votant b'popolazzjoni li tisboq is-7,000 ruħ. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa kompost minn seba' kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-Parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn Uffiċjal Eżekuttiv u Skrivana. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li mbagħad jiġu diskussi u deċiżi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## 2.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Michael Mifsud** | *Segretarju Eżekuttiv* – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi riżorsi umani u relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali |
| *Is-Sur Lino Busuttil* | *Uffiċjal Eżekuttiv* – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali, permessi, ħlasijiet, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| *Is-Sinjorina Sharon Mifsud* | *Skrivana* – Responsabbli mir-relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali, ħlasijiet, sezzjoni finanzi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |

Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Borg | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sinjorina Maria Dolores Caruana | Employment & Training Corporation |
| Is-Sinjorina Brenda Attard | Employment & Training Corporation |

## 2.3 L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



# 3. Il-Ħidma tal-Kunsill

## 3.1 Ħidma tal-Kunsill

Is-sena 2015, kienet sena mpenjattiva ħafna għall-Kunsill lokali ta' Santa Venera. Sena li matulha sar ħafna xogħol fil-lokalita' tagħna flimkien ma ippjanar ta' preparazzjoni sabiex matul is-snin li ġejjin naraw li xogħol siewi f'diversi oqsma jsir f'din il-lokalita'. Kienet sena illi matulha, minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom, ikkonkludejna diversi nizzjattivi illi l-frott tagħhom ser jidher matul is-snin li ġejjin.

Matul 2015 il-Kunsill ħadem bis-sħiħ sabiex il-ħolma li jinbena tiċ-Ċentru Ċiviku ssir realtà. Saru l-pjantu u l-estimi tal-ispiża tal-proġett li huwa stamt li l-ispiża titla' għal madwar 1.5 million. Skatta l-proċess tal-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tal-art biswit il-Kunsill u l-applikazzjoni mall-MEPA għall-permessi neċessarji. Il-Kunsill fuq dan il-proġett qiegħed jagħmel dak kollu li jista' iżda jekk mhux ser ikun hemm għajnuna mill-Gvern Ċentrali ser tkun impossibbli li l-Kunsill jidħol għal din l-ispiża finanzjarja.

Din is-sena u fis-sena li ġejja l-Kunsill għandu sfida kbira fir-rqgward tal-finanzi dan minħabba l-fatt tal-Proġett tal-*Public Private Partnership (PPP)* fejn għandu diversi pagamenti fuq xogħolijiet li saru f'ħames toroq fejn l-istess pagamenti jridu jitħalsu fis-sentejn li gejjin.

Wara li s-sena –oħra fl-2014 il-Kunsill ħadem mal-Gvern Ċentrali sabiex il-Kunsill jingħata €75,000 li kienu *shortage* ta' dak ippjanat minħabba l-istimi baxxi ta' xogħolijiet li kienu ntbagħtu lill-Gvern qabel ma kien beda x-xogħol fejn parti minn Triq Misraħ il-Barrieri kellu jitwaqqaf minħabba din is-sitwazzjoni.

Fis-sena 2015 il-Kunsill ħadem biex waqt li tkun qiegħed isir ix-xogħol f'Misraħ il-Barrieri isiru xi xogħolijiet ohra ta' bankini fi Triq San Ġorġ (il-parti l-ġdida fejn il-Klabb tal-Inter), Triq Tumas Dalli k/m Triq Kanonku Bonnici, Triq is-Soll k/m Triq Misraħ il-Barrieri. Apparti minn hekk ser tinbena mill-ġdid Triq iż-Żonqor inkluż il-bankini u tiġi rranġata Triq Mons. De Piro l'parti fejn qed tisfronda. Dan l-imsemmi xogħol flimkien ma Triq Misraħ il-Barrieri għandu jibda fil-bidu tas-sena 2016

Minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa ottimist illi Santa Venera ser tgħaddi minn perjodu ta' żvilupp konsiderevoli matul is-snin li ġejjin u fil-fatt qiegħdin nippjanaw illi nkomplu nipparteċipaw f'numru ta' inizjattivi li l-Gvern qiegħed joffri permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kif ukoll ta' Dipartimenti oħra tal-Gvern.

Infatti din is-sena l-Kunsill applika fl-iskema li nieda l-gvern dwar il-progetti ta' restawr. Il-Kunsill applika sabiex isir ir-restawr fuq il-Bieb fi Triq il-Madonna tal-Karmnu dejjem jekk il-proposta tal-Kunsill tiġi milqugħha mil-Bord ta' din l-iskema.

## 3.2 Patching, Tabelli u Sinjali tat-Toroq

Il-Kunsill kompla l-ħidma tiegħu sabiex jara li tabelli tat-traffiku u s-sinjali tat-toroq ikunu kemm jista' jkun ta' gwida għar-residenti u dawk li jżuru l-lokalita'. Għal dan il-għan, matul l-2015, apparti li inbidlu tabelli u żdiedu tabelli ġodda fejn kienu meħtieġa, l-Kunsill bl-għajnuna tal-ħaddiema assejnati għamel madwar 100% refresh tas-sinjali tat-toroq.

Konxji mill-fatt illi diversi toroq fil-lokalita' m'humiex fi stat tajjeb f'dan ir-rigward, matul l-2015, il-Kunsill Lokali ħadem sabiex jara illi jsir patching fejn ikun hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa ta' l-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ illi jingħatalhom wiċċ ġdid, pero' minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji dan ma kienx possibbli. Għaldaqstant, permezz ta' din il-miżura, il-Kunsill Lokali ħaseb illi jista' jtejjeb xi ftit il-kwalita' tat-toroq fil-lokalita'.

Il-Kunsill Lokali, matul 2015 għamel xogħol ta' major patching u l-bankini fi Triq San Ġorġ parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq il-Kanun li kienet waħda mit-toroq residenzjali lli kienet is-snin fil-bżonn li ssir mill-ġdid. Il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera kien strumentali sabiex permezz tal-fondi li ngiebu mir-Reġjun Ċentrali ssir it-triq u l-bankina ta' din il-parti ta' Triq San Ġorġ. Infatti wara li l-Kunsill ġab il-permessi mill-entitajiet konċernati tal-Gvern, ix-xogħol fi Triq San Ġorġ inbeda u tlesta f'Jannar 2015.

Fis-sena 2014 il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għamel diversi diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex titlesta Triq il-Madonna tal-Karmnu. Wara diversi xhur ta' diskussjonijiet intlaħaq ftehim sabiex wara li l-Enemalta jgħaddu l-*cables* tad-dawl neċessarji Transport Malta kellhom ikomplu bil-proċess sabiex tinbena t-triq. Għaldaqstant matul is-sena 2105 din is-sitwazzjoni għandha tiġi riżolta u saru l-bankini u l-asfaltar ta' din it-Triq u b'hekk ir-residenti ta' din it-triq issa għandhom l-ambjent xieraq kif mistħoqq lilhom.

F' Mejju 2015 sar l-ftuħ uffiċċjali ta' Misraħ Santa Venera fejn għal din l-inawgurazzjoni kienet preżenti l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. L-Għaqdiet tal-Lokal taw is-sehem tagħhom f'din l-inawgurazzjoni.

## 3.3 Traffic Management

Matul is-sena 2015, il-Kunsill ħadem u għamel divesi trattativi ma' Transport Malta sabiex fiż-żoni residenzjali ssir is-sitema tal-ipparkjar bil-ħin. F'dan ir-rigward il-Kunsill għadu għaddej b'dawn id-diskussjonijiet sabiex b'hekk il-Kunsill isolvi l-problema li qed jiffaċċjaw ħafna m ir-residenti fejn dawn minħabba l-azjendi kbar li hemm fil-lokal mhux qed ikollhm spazju fejn jipparkjaw.

Apparti minn hekk din fis-sena 2015 saru laqgħat pubbliċi dwar il-problema li qed iġarrbu r-residenti kull meta jkun hemm il-ħatt tal-*containers* fit-toroq residenzjali bħal ma huma ta' Triq il-Brunżar, Triq Qormi, Triq Patri Franġisk Grech, Triq il-Fawwara, Triq Misraħ Santa Venera, Triq Ċikku Portanier, Triq Salvinu Spiteri u Triq Carini. Wara li din il-problema kienet diskussa nternament il-Kunsill ħass il-ħtieġa sabiex isejjaħ Laqgħa Pubblika sabiex b'hekk, quddiem il-preżenza ta' Uffiċċjala mill-Korp tal-Pulizija, ir-residenti preżenti jkunu jistgħu jagħmlu l-ilmenti u ssuġġerimenti tagħhom sabiex b'ħidma kollettiva nippruvaw insolvu din il-problema. F'din il-laqgħa ġie iċċarat mar-residenti li l-permessi tal-ħatt ma jinħarġux mill-Kunsill iżda mill-pulizija. Apparti minn hekk kemm il-Kunsill u kif ukoll il-pulizija ġejna notifikati kemm kif uħud mill-operaturi qed jagħmlu l-ħatt tal-containers mingħajr ma jkollhom il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill esiġa mal-Pulizija li dan l-abbuż Il-Pulizija li kien qiegħed isir minn diversi kumpaniji f'diversi toroq irid jieqaf.

Il-Kunsill ħa ħsieb sabiex li issir ukoll laqgħa mal-operaturi tal-ħatt tal-containers u l-GRTU fil-preżenza tal-pulizija fejn wara li ġew diskussa dawn ir-regolaritajiet ġie deċiż li ser isiru sett

ta' linji gwida li jridu jimxu magħhom l-operaturi. Apparti minn hekk ġie deċiż li l-GRTU għandhom jipprovdu tabelli ugwali għall-operaturi kollha.

## 3.4 Edukazzjoni

Fis-sena 2015 il-Kunsill ħadem mill-qrib mal-iskejjel fil-lokal. Għall-ewwel darba din is-sena l-Kunsill ipparteċipa fil-Science Art Contest fejn is-Sindku f'isem il-Kunsill ta' Santa Venera ppremja student mill-iskola Primarja ta Santa Venera. Il-preżentazzjoni saret f'April, 2015 ġewwa l-MCAST. Apparti minn dan kollu il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ipparteċipa wkoll fil-prize day imtella' mill-iskola governattiva tal-Lokal fejn il-Kunsill ippremja diversi studenti.

Il-Kunsill ta' Santa Venera ħa l-inizzjattiva u nnegozja sabiex matul is-sena 2015 isiru korsijiet tal-kompjuters b'xejn. Infatti matul is-sena bl-għajnuna tat-TCTC il-Kunsill Lokali nieda dawn il-korsijiet għall-adulti fil-ħinijiet ta' filgħaxija u kif ukoll fis-sajf ipparteċipa fil-Kids Start fejn tfal bil-vaganzi tas-sajf setgħu jattendu fil-ħinjiet ta' filgħodu.

F'Mejju 2015 il-Kunsill applika sabiex jipparteċipa fl-iskema tal Gvern tal-Life Long Learning sabiex f'din il-lokalita' isir taħrig bażiku tal-lingwa Maltija. Il-frott ta'din l-iskema beda f'Ottubru 2015 fejn l-kors fit-taħriġ bażiku fil-lingwa Maltija għal dawk li kienu nteressati li jattendu .

Fis-sena 2015 il-Kunsill beda jaħdem fil-qrib mal-Fondazzjoni Healthy Steps fejn saru diskussjoni dwar l-ansjeta' fuq it-tfal u b'hekk inkunu t'għajnuna lejn ir-resdenti ta' Santa Venera sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar lil uliedhom.

Matul din is-sena il-Kunsill introduċa il-programm 'Aqra Miegħi/Read with me' li hu mmexxi mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u ċ-Ċentru tal-Litteriżmu tal-Università ta' Malta b'kollaborazzjoni tal-Malta Libraries. Dan il-programm ta' qari ta' stejjer u kant ta' taqbiliet hu mmirat għat-trabi u tfal sa tlett snin u hu bla ħlas. L-għan tal-programm hu li jkebbes l-imħabba għall-qari fost it-tfal minn età bikrija permess ta' logħob u attivitajiet mimlijin gost flimkien mal-ġenituri/carers tagħhom. Dan il-programm qiegħed isir kull nhar nhar ta' Sibt filgħodu ġewwa l-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

## 3.5 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u l-Kunsill taż-Żgħażagħ

F'2015 il-Kunsill innomina Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ġdid wara lis-Sur Gianluca Degabriele ma setgħax jibqa' fil-kariga ta' Ambaxxatur. Il-Kunsill innomina lis-Sur Gianluca Falzon bħala Ambaxxatur ġdid. Matul l-2015 ġie iffurmat il-Kunsill taż-Żgħażagħ li huwa kompost minn seba' membri li huma Sur Gianluca Falzon (Ambaxxatur taż-Żgħażagħ), is-Sur Miguel Cauchi, is-Sur Clive Mallia, s-Sur Bradley Attard, is-Sinjorina Celine Vella, is-Sur Nicky Parnis u is-Sinjorina Eunice Aquilina. L-Aġenzija Żgħażagħ għandha rappreżentant f'dan il-Kunsill li huwa is-Sur Andre Bonello sabiex ikunu ta' għajnuna għal dawn iż-Żgħażagħ

## 3.6 Saħħa

F'din is-sena l-Kunsill Lokali flimkien mad-Dipartiment tas-Saħħa ħa ħsieb sabiex isiru laqgħat ta' informazzjoni fuq dwar l-iscreening tal-musrana l-kbira u tas-sider. Fl-2015 sar ukoll korsijiet tal-First Aid lill-Anzjani. Dawn il-laqgħat saru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fejn ħafna anzjani ipparteċipaw għal din il-laqgħa informattiva. Matul is-sena ġew organizzati wkoll diskussjonijiet dwar is-saħħa mid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

Din is-sena, bħas-snin preċedenti, il-Kunsill ħa ħsieb sabiex tingħata t-titqiba staġjonali tal-influwenza li ġiet pprovduta mid-Dipartiment tas-Saħħa għar-residenti li għandhom 'il fuq minn 55 sena.

Il-Kunsill ta' Santa Venera, fuq inizjattiva tad-Dipartiment tas-Saħħa flimkien mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, bdew jitqassmu l-vouchers POYC – Celiac mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill lill-persuni Vendriżi li għandhom din il-kundizzjoni.

Fil-bidu tas-sena 2015 sar "field work" ta' studju mill-Universita' ta' Malta madwar Malta fejn intgħażlu 4000 ruħ sabiex jiġu ntervistati. Minn Santa Venera intgħażlu madwar 90 ruħ. Għal dan ir-rigward il-Kunsill aċċetta din il-proposta u ghaldaqstant flimkien mal-Universita ta' Malta saru madwar disgħin intervisti u eżamijiet mediċi fosthom tal-pressjoni u BMI fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

## 3.7 Attivitajiet

L-attivitajiet, matul 2015 ma naqsux u l-Kunsill jemmen li dawn huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju għaliex dawn iservu ta' opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu fil-ħidma volontarja. Minbarra dan l-attivitajiet iservu biex jesponu l-karattru u l-patrimonju tar-raħal u wieħed japprezza ferm aktar il-wirt li jeżisti. Raġuni oħra hija li b'permezz tagħhom jiżdied aktar il-kummerċ.

Għall-ewwel darba fi Frar 2015 il-Kunsill għamel attivita' karnivaleska li saret fi Triq il-Kbira San Ġużepp bis-sehem ta' żeffiena. Nistgħu ngħidu li l-konkorrenza għal din l-attivita' kienet tajba fejn ipparteċipaw ġenituri u t-tfal ta' etajiet differenti.

Għal Jum l-Omm l-Kunsill ħa ħsieb sabiex tiġi organizzata quddiesa u festin żgħir ġewwa Istitut Apap għall-anzjani. Din l-attivita' kienet akkumpanjata bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta'Filarmonika Santa Venera VM fejn ittella' kunċert żgħir mill-istess banda.

F'Ottubru għal Jum l-Anzjani, l-Kunsill Lokali ċċelebra dan l-avvenimenti b'quddiesa fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Venera. Wara l-quddiesa kien hemm festin zgħir għall-Anzjani u n-Nanniet preżenti.

F'Novembru l-Kunsill ta' Santa Venera fakkar li Jum it-Tifkira li ġiet iċċelebrata l-Ħadd 8 ta' Novembru, 2014 fejn wara wkoll tpoġġ bukkett rand quddiem il-lapida li tfakkar lill-vittmi tal-Gwerer li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Għġall-ewwel darba din is-sena saret

ċerimonja ta' tqegħid tal-fjuri fuq qabar Kommunitarju tal-Vendirzi fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

F'Diċembru l-Kunsill reġa' ħa l-inizzjattiva sabiex jerġa' jsir festin għat-tfal fil-Milied. Dan il-festin sar fic-Childcare Centre Bacchetta Magica li tinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp b'animazzjoni għat-tfal,ikel u xorb. Din is-sena l-Kunsill ħaseb ukoll f'dawk it-tfal li jghixu ġewwa l-istitut tal-Lokal u għaldaqstant ġew mistiedna mill-Kunsill sabiex jattendu għal da nil-festin. Il-Kunsill iddeċieda li bħala rigal il-Kunsill għandu jirregala ktieb lil dawk li jattendu ħalli fl-istess hin il-Kunsill ikun qiegħed jippromwovi l-importanza tal-qari lejn it-tfal.

Fix-xahar tal-Milied il-Kunsill għamel attivita' għall-familja kollha fejn fi Triq il-Kbira San Ġużepp saret sfiltata ta'żfin u kant tal-Milied.

## 3.8 Partecipazzjoni tal-Kunsill f'attivitajiet Lokali

Matul din is-sena il-Kunsill ikollabora mal-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex tiġi organiżżata serata ghall-Eurovision Song Contest ġewwa Ġnien Romeo Romano.

Il-Kunsill Lokali diga' beda jaħdem sabiex isiru attivitajiet oħra għas- 2016, fejn fi Frar ser issir attivita' dwar il-Harsien tal-Annimali u f'April ser issir attivita' relata mal-bini storiku tal-Akkwadott fit-Triq prinċipali ta' Santa Venera.

Fis-sena 2015 il-Kunsill beda l-parteċipazzjoni tiegħu flimkien mal-Green Pack dwar Servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ mill-Kunsill Lokali Santa. Din kienet inizzjattiva tajba u għaldaqstant il-Kunsill bil-limitazzjonijiet ta' spazju li għandu ħadem bi sħiħ sabiex noffru dan is-servizz lir-Residenti. Iltlaħaq ftehim sabiex dan il-ġbir isir kull l-ewwel Tnejn ta' kull xahar.

## 3.9 Twinning mal-Municipalita' ta' Kastorja il-Greċja

Din is-sena l-kunsill ħadem sabiex il-pjan tat-Twinning mal-Muniċipalita' ta' Kastorja il-Grecja flimkien ma erba' pajjiżi oħra Belgium, Franza, Italia u Portugal jitkompla. Il-Muniċipju ta' Kastorja fil-Greċja huwa l-pajjiż li qed imexxi l-progett. Infatti matul is-sena 2014 grupp ta' nies flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer u membri oħra tal-Kunsill għamlu l-ewwel żjara f'Kastorja il-Greċja.

Fil-bidu tas-sena 2015 saret iż-żjara tat-twinning f'Santa Venera fejn il-Kunsill involva lill-Għaqdiet tal-Lokal biex jipparteċipaw u b'hekk nippromowvu l-identita' Santa Venera. Huwa maħsub li dan il-programm tat-Twinning jitlesta matul is-sena 2015. Il-Kunsill mhux ser jieqaf hawn għaliex diġà beda diskussjonijiet sabiex isiru programmi oħra simili bħal dan

## 3.10 Inizzjattivi ohra

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera matul is-sena 2015 ipparteċipa għall-Wirja Nazzjonali tal-Ħortikultura li saret f'Mejju, 2015 billi għamel qoffa mżejna bil-ħaxix Malti.

Matul 2015 il-Kunsill ħa l-inizzjattiva sabiex ikompli l-kors għar-residenti nteressati ta' kif isiru d-dekorazzjonijiet tal-kejkijiet. Liema kors kien ta suċċess li dan kompla kemm fuq livell intermedjarju u kif ukoll fil-livell avvanzat.

Fis-sena 2015 sar *artistic artwork* minn grupp ta' tfajliet li jabitaw fid-djar ġewwa Santa Venera fejn dan l-artwork u tpoġġa fl-entratura tal-Kunsill fejn Wara din l-*artistic artwork* ingħatat bħala donazzjoni lill-Kunsill.

## 3.11 Komunikazzjoni mar-residenti

Minkejja li b'limitazzjonijiet ta' riżorsi, il-komunikazzjoni mar-residenti baqgħet tingħata importanza kbira. Fl-2015 ma naqasx li l-Kunsill ikompli juza' l-mezzi ta' komunikazzjoni moderni bħal ma hija l-paġna uffiċċjali fuq Facebook. Din il-paġna kompliet iżżid fil-popolarità u hija mezz kif isir kuntatt aktar faċli mall-pubbliku. Naturalment ninsabu 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu lill-maġġoranza tar-residenti u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha.

Wara nuqqas tas-snin matul is-sena 2015 il-Kunsill reġa ppubblika għall-ewwel darba ir-rivista "L-Akkwadott". Din ir-rivista tqassment fir-residenzi kollha madwar Santa Venera. Din ir-rivista hija immirata għal dawk kollha li forsi ma jagħmlux użu ta' siti elettroniċi u għaldaqstant il-Kunsill ikun jista' jilħaq lil dawn il-familji bl-informazzjoni meħtieġa li tistħoqqilhom.

## 3.12 Tenders

Matul is-sena 2014 il-Kunsill ħareġ Tender:

- **SVLC/T/01/2015 – Tender Ġbir tal-Iskart**

  Il-Kunsill ħareġ Tender tal-ġbir tal-iskart minħabba l-fatt it-Tender preċedenti kienet tiskadi fl-istess sena. Għal din it-tender il-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet fejn wara li gew skrutinjati mill-bord tal-Aġġudikazzjoni l-istess bord irrakomanda lill-Kunsill li t-Tender tal-ġbir tal-iskart għandha tingħata lil Waste Collection Ltd. Fl-47 laqgħa tal-Kunsill li saret fit-12 ta' Novembru 2015, is-Sindku ppropona din irrakomandazzjoni u l-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu fuq din il-proposta.

Fl-aħħar tas-sena 2015 il-Kunsill ħareġ diversi tenders minħabba l-fatt li dawn kien ser jgħalqu fil-bidu tas-sena 2016. Dawn it-tenders kienu:

| | |
|---|---|
| **SVLC/T/02/2015** | **Bulky Refuse** |
| **SVLC/T/03/2015** | **Maintenance and installation of Traffic Signs** |
| **SVLC/T/04/2015** | **Contracts Manager** |
| **SVLC/T/05/2015** | **Public Convenience** |

| | |
|---|---|
| SVLC/T/06/2015 | **Specific Conditions of Contract and Specifications for Services of the establishment, upkeep and maintenance of All public gardens playgrounds, playing fields, recreational sites and soft areas in Santa Venera in an environmentally friendly manner.** |
| SVLC/T/07/2015 | **Trasport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani.** |

L-imsemmija Tenders ser ikunu aġġudikati fil-bidu tas-sena 2016 minħabba li s-sejħiet tal-interess kienu għadhom miftuħa fit-tmiem is-sena 2015.

### 3.13 Jum Santa Venera

Matul l-2015 il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera żamm l-appuntament annwali tiegħu ta' l-14 ta' Novembru - Jum Santa Venera fejn din is-sena l-Kunsill irċieva sitt nominazzjonijiet u n-nominati għall-Ġieħ Santa Venera 2015 kienu s-Sur Benny Muscat, it-Tabib Michael Azzopardi, is-Sur Philip Chircop, Is-Sur Charles Muscat b'żewġ nominazzjonijiet, Is-Sur Jason Grech u s-Sur Salvu Farruiga Wara li saret analiżi skont il-linji gwida, il-Kumitat b'mod unanimu rrakomanda lill-Kunsill li s-Sur Charles Muscat sabiex jirbaħ il-Ġieħ Santa Venera 2015. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakomandazzjoni. Waqt l-attivita' ta' Jum Santa Venera, sar r-rikonoxximent tal-Ġieħ u ngħata lis-Sur Charlie Muscat.

## 3.14 Pjanijiet għas-sena 2016

Il-Pjan ewlieni tal-Kunsill huwa li matul is-sena 2016 jiskatta il-proġett tal-Playing Field tal-Palazz l-Aħmar fejn bil-għanuna tal-Awtorita' tad-Djar, bil-fondi tal-UIF u bil-finanzi tal-Kunsill ser issir embellishment ta' din il-playing fejn huwa stmat li dan il-proġett ser ikun jiswa madwar €260 000. Fis-sena 2015 il-Kunsill ħadem fuq il-pjanti u għamel l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex ikollna l-permessi meħtieġa.
F'Diċembru 2015 il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenbbli, l-Ambjent u tibdil fil-Klima nforma lill-Kunsill ta' Santa Venera li ser nibbenifikaw mill-fondi tal-Gvern sabiex issir tħaddir madwar il-Lokalita' tagħna sabiex b'hekk diversi toroq f'Santa Venera jkollhom ambjent aħjar. Is-Somma allokata mil-Gvern għal da nil-proġett tammonta għal €30 000.

Apparti minn hekk matul is-sena id-dieħla l-Kunsill qiegħed jaħseb sabiex jibda jaħdem fuq proġett iehor dak li tinbena mill-gdid il-bankina ta' taħt l-akkwadott fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

## Konklużjoni

Naturalment huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara fil-Kunsill iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi fuq, il-kunsill, permezz tal-amministrazzjoni,qiegħed jimmaniggja wkoll diversi kuntratti importanti ħafna u li fosthom

hemm il-ġbir ta' skart, it-tindif, marki u sinjali ta' toroq, id-dwal tat-toroq u manutenzjoni tal-ġonna. Ninsab konvint però li b'dan kollu wieħed seta' jieħu idea ċara ta' kemm kienet kbira l-ħidma tal-Kunsill matul din is-sena. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill waħdu ma jista' jagħmel xejn u għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jitwettaq. Lil dawn kollha l-Kunsill jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom.

**Michael Mifsud** **Stephen Sultana**

**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**Ikkonfermati lum:**